MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 471 (9-14)

It-Tnejn 7t'April 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**471.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**471.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Francine Farrugia.

**471.1.2** Sospenzjoni tas-Seduta
Is-Sindu ssospenda is-Seduta biex ikun hemm intervent tat-tfal mir-Rights Council (Kunsill Lokali tat-Tfal). It-tfal ressqu diversi punti li ġew diskussi waqt il-laqgħat tagħhom, għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**471.1.3** Is-Sindku fetaħ is-Seduta.
Is-Sindku irringrazzja lit-tfal preżenti għall-interess tagħhom. Hu qal li l-punti mressqa huma validi u ser jiġu diskussi u inklużi fl-aġenda tas-Seduti li jmiss.

**471.1.4** Is-Sindku issospenda s-Seduta biex jitkellmu residenti li kienu preżenti. Is-Sindku fetaħ is-Seduta.

**471.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
Inqraw il-Minuti tas-Seduta 470. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**471.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**
Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**471.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**471.3.1** Is-Sindku rrefera għat-talba minn residenti ta' Triq Karmenu Vassallo biex titneħħa l-isleeping police minn quddiemhom, minħabba diversi raġunijiet fosthom storbju eċċessiv anka fil-ħinijiet bikrin minn trakkijiet tal-barriera, u akkumulazzjoni ta' ħmieġ u trabijiet kif muri f'diversi ritratti preżentati. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-punti u kien hemm qbil unanimu li ir-road hump titneħħa mill-iktar fis.

**471.3.2** Is-Sindku preżenta invit mill-Fondazione Falzone Sede ta' Malta, għall-kommemorazzjoni tal-assassinju tal-Maġistrat Giovanni Falcone li ser issir nhar it-22 ta' Mejju 2025 f'Palermo. Hu qal li l-ispejjeż tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv huma koperti mill-Fondazzjoni. Hu qal li min jixtieq jiġi mill-Kunsilliera ser ikun a spejjeż tiegħu u għandu jinforma mill-iktar fis lill-amministrazzjoni ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

**471.3.3** Is-Sindku ppreżenta korrispondenza mir-Reġjun Punent u qal li hemm applikazzjoni għall-finanzjament ta' €10,000 kull Kunsill għal inizjattivi urbani. Hu rrefera għal studju li kien sar fis-snin preċedenti u talab li jkollu kopja ħalli naraw x'fiħ u x'jista' jitwettaq taħt din l-iskema. Hu qal li din l-applikazzjoni hija fuq first come first served basis sakemm jispiċċaw il-fondi disponibbli. Il-Viċi Sindku qal li nistgħu nikkunsidraw il-proġett tal-Pjazza li diġà ġie preżentat. Is-Sindku semma wkoll il-proġett mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ f'Wied Hesri. Hu qal li hemm diversi inizjattivi li nistgħu napplikaw għalihom u rridu naraw l-aħjar opzjoni.

**471.3.4** Is-Sindku preżenta talba mis-Siġġiewi Festival Brass Band għal għajnuna finanzjarja għas-sehem tal-Brass Band għall-attivitajiet tal-Via Sagra u l-marċ tal-irxoxt. Il-Kunsill Lokali iddiskuta din it-talba u qabel li l-ammont ta' finanzjament ikun ta' €2500. Is-Sindku qal li fl-attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira il-Kunsill Lokali qed jgħin lill-diversi għaqdiet għas-sehem tagħhom, fosthom il-Każin Banda San Nikola, il-Grupp tal-Armar, lill-Għaqda tan-Nar u lil Brass Band.

**471.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**471.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**471.5.1** Il-Viċi Sindku qal li kien infurmat li l-merħba sign tan-naħa tat-Triq Inżul ix-Xemx ġarrab ħsarat. Hu informa minnufih lill-intrapriża responsabbli u ser issir it-tiswija meħtieġa. Huwa qal li l-ħarġa li jmiss ser issir fil-21 t' April għall-Kunvent u l-Mużew tal-Patrijiet Agostinjani ir-Rabat. Hu qal li l-ħarġa ta' wara hija pjanata għall-Palazz tal-Verdala. Il-Viċi Sindku qal li fis-sotto kumitat kultura ġie issuġġerit li jsiru diskussjonijiet mal-iskola biex fis-sillabu jiġi nkluż għarfien fuq is-Siġġiewi. Is-Sotto Kumitat turiżmu qed jaħdem fuq hiking trails fuq ħames rotot inkluż Għar Lapsi. Il-Viċi Sindku informa li hemm membru ġdid fis-sotto kumitat kultura is-Sur Anthony Schembri. Il-Kunsill unanimament qabel.

**471.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li s-Sibt li għadda saret attivita' oħra ta' tindif. Ser jagħti dettalji f'item 471.11. Qal li bħalissa qed isegwi l-kuntrattur tat-tindif rurali għat-toroq kollha li jagħtu għal Tal-Għolja bi preparamenti għall-Mixgħela. Hu qal ukoll li l-ilmenti fejn jirrigwarda tindif urban naqsu drastikament u mill-follow-ups li jsiru jidher li r-residenti huwa sodisfatti bix-xogħol li qed isir. Hu qal li intbagħtet korrispondenza lill-Kurja rigward il-ħmieġ li jinġema taħt l-iscaffolding tal-Kappella taċ-Ċwerra u jidher li ser ikun hemm spezzjonijiet u tittieħed l-azzjoni. Hu qal li ser jibqa' jsegwi. Il-bank tad-demm imiss li jkun fi Pjazza San Nikola fis-27 t'April.

**471.5.3** Is-Sindku talab li jsir komunikat mal-Kurja biex ikollna aġġornament dwar l-istatus tal-permess tax-xogħolijiet tal-Kappella taċ-Ċwerra.

**471.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed ikompli jsegwi xogħolijiet fil-bajja ta' Għar lapsi. Hu qal li kien hemm problema bid-dawl li issa ġiet riżolta. Saret laqgħa wkoll mal-Public Works rigward xogħolijiet fil-moll li ser jibdew dalwaqt u jkunu lesti għas-sajf, mentri xogħolijiet iktar estensivi fosthom tneħħija ta' blat kbir u tranġar tal-ħadid ser isir wara s-Sajf. Hu qal li kellimhom ukoll dwar il-post fejn jitpoġġa s-shower biex ma jkunx hemm il-problema ta' staġnar tal-ilma bħas-sena l-oħra u bdil u żieda ta' bankijiet. Hu qal ukoll li fil-jiem li ġejjin ser jiltaqa' ma' Ambjent Malta dwar it-tindif tat-taraġ ta' Lapsi.

**471.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia semma li saret l-attivita' Donald Cup li kienet suċċess. Huwa qal li ġie infurmat mill-organizzaturi tal-Combat event li l-attivita' għalissa ġiet imwaqqfa peress li ma nħarġux il-visas. Is-Sindku talab li jitwaqqaf il-proċess kollu li kien inbeda, jiġu mgħarrfa l-pulizija u jekk kien hemm xi kuntatti oħrajn. Huwa qal li jekk ġew rifjutati visas il-Kunsill għandu jkollu kopja tar-refusal letters mill-ambaxxata. Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa meta ser isir l-iffirmar tal-ftehim mal-Football Club. Is-Sindku propona is-26 t'April 2025 filgħodu.

**471.5.6** Is-Sindku issospenda s-Seduta fis-7.08pm.
Is-Sindku fetaħ is-Seduta.
Is-Sindku qal li l-punt imressaq mir-residenti jiġi diskuss taħt aġenda item 471.17.

**471.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**471.6.1** Is-Sindku informa li fadal ix-xogħol tal-cable tal-Enemalta in-naħa tal-Wied. Hu qal li qed isegwi l-aħħar affarijiet fil-park fosthom il-lattrina, il-konnessjoni tac-cctvs, u z-zipline u tħawwil ta' arbuxelli biex ikun jista jiġi inawgurat.

**471.6.2** Qed isegwi wkoll ma' Infrastructure Malta biex wara din it-triq jibda mmedjatament ix-xogħol fi Triq Blat il-Qamar, għalhekk talab 'start date'.

**471.6.3** Is-Sindku qal li ser issir id-devoluzzjoni ta' biċċiet żgħar ta' artijiet, madwar 100m kwadri total biex Triq Bur il-Kbir tkun iktar aċċessibbli għat-traffiku għall-periferija tas-Siġġiewi u b'hekk inqas traffiku fil-qalba tar-raħal.

**471.6.4** Is-Sindku qal li qed isegwi xi kwistjonijiet fi Triq il-Girgenti ma' bidwi dwar qlib tat-triq u aċċessibilta' tax-xatba. Is-Sindku informa li Triq santu Kristu tal-Għolja inbeda x-xogħol, għalkemm mhux fl-iktar żmien opportun minħabba l-attivita' tal-Mixgħela, huwa tkellem ma' IM ħalli jħallu t-triq kompatta u aċċessibbli għal din l-attivita'.

**471.6.5** Is-Sindku qal li l-bankini mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Lot 3 huma lesti (żona ta' Triq is-6 ta' Diċembru, Triq il-Wied), u qal li r-residenti huma sodisfatti bir-riżultat. Hu qal li talab li jitkompla x-xogħol fil-parti ta' Triq Dun manwel Zammit in-naħa tal-Wied b'tindif tal-qasab u twittija wisa' ta' bankina biex ma jerġax jitla', ser issir ukoll tranġar f'diversi biċċiet żgħar ta' bankina. Wara jibda' immedjatament ix-xogħol ta' Lot 4 (area Triq iż-Żabbarija, Bandla). Is-Sindku qal ukoll li ser jitranġaw toroq rurali parti minn Triq it-Tiġrija u Triq tal-Għaqba għal aċċessibilta' għall-bdiewa, u qed isir survey tar-roundabout żgħira fi Pjazza San Ġwann biex issirilha rinnovar u anka tissolva l-problema ta' rimi llegali f'din l-area. Hu qal li għandu informazzjoni li fl-antik kien hemm għajn tal-ilma, u ser ikun qed jistħarreġ għal iktar informazzjoni dwar dan u l-possibilta' li terġa ssir.

**471.6.6** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward l-applikazzjoni għall-parkeġġ temporanju fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Is-Segretarju Eżekutiv wieġbet fin-negattiv.

**471.6.7** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa jekk hemmx xi risposta dwar l-applikazzjoni tal-proposta tal-linji tat-traffiku fil-Pjazza. Hu staqsa wkoll meta ser jinbidlu l-formazzjoni tal-parking bays in-naħa ta' quddiem Dar Ommna Marija biex jitneħħa l-periklu tas-Sibt filgħodu. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew modifikazzjoni tal-pjanta minħabba xi kjarifiċi.

**471.7** **Aġġornament – Attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi 2025**

**471.7.1** Is-Sindku qal li kellna xahar impenjattiv ta' attivitajiet. Hu elenka l-attivitajiet li saru u qal li hu sodisfatt ħafna bir-riżultat u l-parteċipazzjoni. Hu rringrazja lil kull min ta s-sehem tiegħu. Qal ukoll li s-sistema ġdida ta' kif ingħataw ir-rikonoxximenti intgħoġbot u b'hekk ingħata iktar valur lill-Unur Onorefiċenza kif mistħoqq. Is-Sindku qal li l-attivitajiet ingħalqu b'attivita' ma' 13-il pajjiż ieħor li lkoll kellhom kummenti pożittivi dwar l-organizzazjoni.

**471.8** **Attivita' Mixgħela 2025**

**471.8.1** Is-Sindku qal li wara li għalaqna bl-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi bdejna mmedjatament bil-koordinazzjoni tal-Mixgħela. Diġa saru laqgħat ta' koordinament mal-Pulizija, u mal-għaqdiet parteċipi. Fil-jiem li ġejjin skedata laqgħa mal-Kuntrattur u d-Direttorat tar-restawr li qed jaħdmu fuq il-kappella tal-Lunzjata biex tiġi diskussa s-sigurta' u jittieħdu l-provedimenti neċessarji. Is-Sindku qal li kif qal diġa l-Kunsillier Vassallo, it-tindif għat-toroq kollha li jagħtu għal tal-għolja qed jitnaddfu u l-Kunsillier qed isegwi kontinwament mal-Kuntrattur. Is-Sindku semma stedina mill-Grupp tan-Nar għal Wirja fil-Kappella ta' Ħal Xluq fid-9 t'April fis-6.00pm u dak inhar stess fis-7.30pm ftuħ tal-wirja tal-Grupp tal-Armar fil-Kappella ta' San Ġwann.

**471.9** **Tenders**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-SE qalet li :

**471.9.1** Tender LCS48/24 PV Panels għadu qed jiġi evalwat mill-Inġiniera tal- Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija u intbagħtu diversi kjarifiċi lill-offerenti. Qed tiġi skedata data biex jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni biex jingħalaq il-proċess.

**471.9.2** Tenders LCS2/25 Public Conveniences u LCS17/25 Civil Works ser tibda ssir l-evalwazzjoni fil-11 t'April 2025.

**471.10** **Ambjent – proġett ta' taħwil**

**471.10.1** Is-Sindku qal li b'kollaborazjoni ma' Ambjent Malta li provdew is-siġar, saret l-attivita' ta' taħwil ta' medda ta' sebgħin siġra fi Triq Salvu Borg Olivier. Hu qal li l-parteċipazzjoni u l-interess ta' tfal u ġenituri turi li proġetti simili huma mixtieqa fil-komunita'. Hu qal li hemm bżonn tisqija regolari sakemm dawk is-siġar jaqbdu u fix-xhur tas-Sajf.

**471.11** **Attivita' 'Clean-Up'**

**471.11.1** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Charles Vassallo jispjega. Il-Kunsillier Vassallo qal li s-Sibt li għadda saret attivita' oħra ta' tindif fejn ipparteċipaw numru kbir ta' scouts. Il-Kunsillier qal li l-attendenza mill-għaqdiet l-oħra hija fqira u dan huwa ta' dispjaċir meta l-Kunsill dejjem jikkoopera mal-għaqdiet. Hu qal li l-membri tal-Kunsill għandhom iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet biex anka nrawmu edukazzjoni dwar l-ambjent fis-Siġġiewi. Il-Kunsillier Vassallo qal li l-attivita li jmiss ser tkun fil-21 ta' Settembru, għal liema attivita' il-Kunsill applika għal skema ta' finanzjament. Hu qal li qed jorganizza permess tas-sotto kumitat indafa. Il-Kunsillier qal li inxtara xi tagħmir għal tindif li jista jintuża fl-attivitajiet. Hu irringrazja lill-istaff amministrattiv tal-Kunsill tax-xogħol tiegħu għall-organizzazjoni ta' kull attivita' u apprezza l-preżenza wkoll waqt l-attivita'.

**471.12** **Aġġornament – Proġett CERV – Echogreen**

**471.12.1** Is-Sindku qal li f'Marzu saret l-ewwel konferenza tal-proġett b'fondi ewropej Echogreen, li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa leader tiegħu. Hu qal li din l-attivita' ġiebet flimkien 14-il kunsill lokali u entitajiet biex jiddiskutu s-suġġett ambjentali u inizjattivi sostenibbli li jintużaw f'diversi ibliet fl-ewropa. Is-Sindku qal kemm hi esperjenza pożittiva li kunsill ma jillimitax ruħu għal servizzi essenzjali iżda wkoll jimraħ oltre. Hu rringrazja lill-istaff amministrattiv tal-organizzazjoni li ma kienetx ħaġa faċli. Is-Sindku qal li dan il-proġett ikompli b'ħames konferenzi oħra f'diversi bliet u jkopri l-attendenza ta' ħamsa mill-kunsill inkluż is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala rappreżentatnti legali u project leader. Hu qal li jiproponi li fl-attivitajiet li jmiss jattendi membru mill-istaff anka biex jgħin fil-loġistika u żewġ kunsilliera. Għalhekk, talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat id-dati lill-kunsilliera biex jindikaw għal liema huma disponibbli.

**471.13** **Aġġornament – Proġett Greenpulse mal-Kunsill ta' Betera (Spanja)**

**471.13.1** Is-Sindku qal li f'Marzu membri tal-Kunsill u grupp ta' żgħażagħ attendew għal jiem f'Betera fejn ġew ospitati mill-Muniċipalita tal-lokal. Hu qal li kienet esperjenza kulturali sabiħa, fejn rajna wkoll is-sistema tal-ġbir ta' skart f'dan il-pajjiż u inizjattivi sostenibbli. Is-Sindku qal li fl-aħħar ta' April mid-29 tal-1 ta' Mejju, grupp minn Betera ser ikun qed iżur pajjiżna għal skambju taħt l-istess proġett ewropew. Dan il-proġett huwa kkoordinat mill-Muniċipalita' ta' Betera mal-amministrazjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**471.14** **Fondi Reġjonali 2025 – Jum il-Ktieb u Kors tal-Presepji**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li hemm fondi Reġjonali fosthom:
€500 għall-inizjattiva ta' Jum il-Ktieb. Hija qalet li qed issir koordinazzjoni mal-Kap tal-Iskola biex jindika xi bżonnijiet hemm. Hi qalet li bħalissa qed jaħdem fuq proġett 'reading under the stairs', fejn qed jixtri xi tagħmir u kotba.

Kors tal-Presepji – is-Sindku qal li ser isir kuntatt mal-Presipista Brian Cachia biex isir kors tal-prattika kif tibni presepju bejn Settembru u Novembru , u l-presepji anka tal-istudenti jiġu esibiti fl-attivita' tal-Milied. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li jkun idejali li jinstab post adattat fejn isir il-kors minħabba indafa u biex il-materjal jibqa' hemm bejn lezzjoni u oħra. Is-Sindku qal li nistgħu inkellmu lill-Arċipriet għal post alternattiv.

**471.15** **EPIC Malta – Proposal installation of a mast at Għar Lapsi parking Area**

**471.15.1** Is-Sindku rrefera għal komunikat mill-EPIC Installazzjoni ta' arblu fil-parkeġġ ta' Lapsi. Is-Sindku qal li wara site inspection mal-Kunsillier Albert Pace, jiproponi li dan jiġi installat ħdejn l-għassa. Il-Kunsill unanimament qabel.

**471.16** **Tiġdid tal-ftehim tal-ibins ma' Greenpak**

**471.16.1** Is-Sindku qal li l-ftehim ta' kollaborazzjoni mal-Greenpak għal bring in sites skada fil-5 t'April u propona li dan jiġi mġedded bl-istess kundizzjonijiet. Il-Kunsill unanimament qabel.

**471.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**471.17.1** Is-Sindku rrefera għall-punt imressaq iktar kmienu minn residenti dwar PA01931/25
*Location of development: Palazz tal-Mazinetta, Triq San Gakbu, Siggiewi*
*Description of works: To extend enclosure of existing front garden.*
Wara diskussjoni jekk il-parapett in kwistjoni hux pubbliku jew privat, ġie deċiż li ssir komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan tramite l-perit u eventwalment issir l-oġġezzjoni f'każ li l-art hija pubblika.

**471.17.2** Il-Kunsillier Albert Pace ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA7598/21 Site at, Triq *Burgabrun off, Triq l-Imqabba, Siggiewi*
*Description of works: To sanction deposition of inert material and area for stockpiling; proposed phasing out plan for the restoration of disused quarry to recycle construction and demolition waste for a period of 25 years.*
Is-Sindku talab lis-SE jiġi ċċekkjat jekk hux diġà kien hemm sottomissjoni fil-passat fuq din l-applikazzjoni, u filkas issir oġġezzjoni fuq l-istess punti.

**471.17.3** Inġibdet l-attenzjoni wkoll fuq PA/01063/23
*Location of development: St Anthony Garage, Triq l-Imqabba, Siggiewi*
*Description of works: To sanction concrete batching plant as well as the ancillary facilities related to it and a one storey garage for the parking of heavy vehicles and to construct two one storey stock bays.*
U saret referenza għall-applikazzjoni PA5246/20 li l-Kunsill kien diġà għamel sottomissjoni fuqha.

**471.18** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**471.19** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**471.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**471.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**471.21.1** Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa kif ikun jaf x'follow up sar fuq l-ilmenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li dawn jiġu reġistrati fis-sistema u jista' jagħmel follow-up mal-istaff.

**471.21.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li issa li qed jersaq is-sajf, hemm bżonn dawra Għar Lapsi, manutenzjoni ġenerali, kemm fil-bajja u anka fil-park. Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed isegwi mal-Cleansing Department u rigward diversi xogħolijiet qabel is-Sajf.

**471.21.3** Is-Sindku semma it-tabelli biex ma jipparkjawx trailers fit-Triq ta' Kandja. Hu qal li uħud mit-tabelli ġew nieqsa jiem wara li ġew installati mill-Kunsill u sar rapport lill-Pulizija.

**471.21.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa x-xogħol sa jsir fi Triq San Nikola. Is-Sindku qal li ser isir xogħol tal-Enemalta.

**471.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 5 ta' Mejju 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |